MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 1828/1998/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Avon Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha David Dalmas abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi**

**vs**

**Pierre Carabott**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Novembru, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundanant li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u hamsin Lira Maltin (Lm650.00,0) ammont rapprezentanti l-valur maqbul bejnietkom ghal wreck tal-vettura tat-tip Ford Escort, bin-numru ta' registrazzjoni C-9908(M) proprjeta tal-assigurat tas-socjeta' attrici David Dalmas, li minnu l-istess socjeta' attrici giet debitament surrogata abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi, liema wreck gie mill-konvenut akkwistat, u anke mhallas permezz ta' cheque illi il-konvenut abbusivament talab lill-Bank tieghu sabiex iwaqqaf il-hlas fuqu.

Bl-ispejjez u interessi kummercjali mid-data tal-bejgh sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 5 ibid) u li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante illi r-wreck in kwistjoni ma tiswiex skond kemm hemm mitlub jigifieri sitt mija u hamsin Lira Maltin (Lm650) peress li hafna mill-accessorji gew misruqa meta l-konvenut gie biex jiehu pussess tal-vettura in kwistjoni.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti ghamel offerta ta' erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450) liema offerta giet rifjutata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-fatti in esami huma s-segwenti:

a) Fl-14 ta' Awissu 1997 kien gara incident stradali li fih kienet involuta l-karozza "Ford Escort" bin-numru ta' registrazzjoni C-9908, appartenenti lil David Dalmas, assikurat mas-socjeta attrici. Kif jidher mis-surroga a fol 32 tal-atti l-istess assikurat kien thallas is-somma specifikata fl-istess dokument u ghalhekk is-socjeta attrici giet surrogata fid-drittijiet kollha appartenenti lill-assikurat taghha.

b) Sussegwentement, kif jsostni Anthony Savona (fol 9 u 30 ibid) is-socjeta' attrici ftehmet mal-konvenut odjern, sabiex tbiegh l-istess karozza, deskritta bhala "wreck" (ossija "total loss"). Difatti, dejjem skond l-istess xhud, il-konvenut kien ra l-karozza, fil-post fejn kienet qed tinzamm f'garage f' Burmarrad u l-istat li kienet fih, u inthalaq ftehim dwar il-prezz ossija Lm730. Difatti, in konnessjoni ma dan l-konvenut kien hareg cheque ghal dan l-ammont favur is-socjeta attrici liema cheque jgib id-data tas-6 ta' Mejju 1998 (ara l-kopja annessa mal-atti a fol 13). Pero' jidher li l-konvenut kien ghamel "stop" payment fuq l-istess cheque stante li allega "li kien hemm affarijiet neqsin mill-istess wreck" (ara fol 15 u 16 ibid).

Minhabba dan u "sabiex naqtghu l-kwistjonijiet" is-socjeta' attrici ghamlet proposta li l-prezz, gja miftiehem, jigi ridott ghal Lm650, kif hemm precizat fl-avviz in esami. Pero l-konvenut ma kienx accetta din il-proposta. L-istess xhud kien semma' fix-xhieda tieghu li l-karozza in kwistjoni qua "wreck" kienet ghadha "ghand il-konvenut", li ma setax jghid kemm kien il-perjodu li ghadda bejn "meta (il-konvenut) ra ir-"wreck" … sakemm din … giet konsenjata lilu", li hu ma kienx ra la l-karozza fl-istat li kienet u lanqas il-post fejn kienet qed tinzamm waqt li zied li l-istess vettura "ma kienetx taht il-kontroll" tas-socjeta attrici.

c) Direttament involut f'dan il-kaz, f'isem is-socjeta attrici kien hemm Albert Edward Cardona (fol 20 u 21 tal-atti). Dan sostna li l-konvenut kien ghamel offerta ta' Lm730 sabiex jixtri "meta raha" l-istess karozza fl-istat li kienet ("tale quale") liema offerta giet accettata mis-socjeta attrici. Sussegwentement il-konvenut fis-6 ta' Mejju 1998, kien hareg ic-cheque hawn fuq imsemmi kif ukoll "mar

jiehu l-karozza minn fejn kienet qed tinzamm Burmarrad”, waqt li sar l-arrangament sabiex l-istess vettura tigi registrata f’isem il-konvenut. Pero “xi ftit wara”, il-konvenut kien ilmenta illi, meta mar sabiex l-istess vettura tigi konsenjata lilu, kien sab xi oggetti minnha neqsin. Pero l-istess konvenut kien qallu, ukoll, illi meta kien spezzjonaha, ‘huwa ma kienx nehha l-cover taghha kompletament u b’hekk ma setax jikkonferma “jekk dawn il-parts kienux di gja neqsin” meta kienet saret l-offerta da parti tieghu. L-istess xhud kompla jghid illi, wara li l-konvenut kien ghamel “stop payment” fuq l-imsemmi cheque, kienet saret proposta lilu, u dan sabiex is-socjeta’ attrici tevita proceduri gudizzjarji, illi l-prezz jitnaqqas ghal Lm650. Pero, avolja l-konvenut zamm ghandu l-istess vettura, is-socjeta attrici ma kienet irceviet ebda risposta da parti tal-istess konvenut (ara ukoll fol 22 u 23 ibid kif ukoll ix-xhieda ta ‘ Jonathan Schembri a fol 24 u 25 ibid).

d) Il-konvenut li jaghmel xoghol ta’ tellar u “spray painting” meta xehed (fol 35 sa fol 47 ibid) qal li kien sar jaf minghand “xi surveyor” ossija “impjegat tas-socjeta attrici” li din kellha karozza (“wreck”) ghal bejgh. Difatti hu kien mar jaraha f’”boat yard” go Burmarrad fejn kienet qed tinzamm f’bitha miftuha. Hawnhekk il-karozza kienet mghottija b’cover tal-plastik. Ghalhekk, hu hall u pogga l-istess cover fuq is-saqaf taghha u “spezzjona minn fuq s’isfel l-istess karozza’ meta innota li kellha daqqiet kbar izda xejn nieqes minnha hlief “radio”. Sussegwentement hu stess ghamel offerta “qua” prezz ta’ Lm730. Izda hawnhekk, fi kliem il-konvenut u …… ma accettax li jbieghuli. Sussegwentemnet, kif ghaddew xahrejn minn meta kien spezzjona l-karozza in kwistjoni, kien ircieva telefonata minghand l-imsemmi Jonathan Schembri u ghalhekk hu mar fl-ufficju ta‘ dan. Hawnhekk, hu gie infurmat illi “… il-karozza kienu tawihieli … illi bieghuhieli”. Da parti tieghu hu xtaq illi jerga’ jara l-istess karozza sabiex jaccerta ruhu li kienet fl-istess stat li kien raha originarjament izda kien gie rassikurat dwar dan. Ghalhekk hu hareg cheque ammontanti ghal Lm730 waqt li Jonathan Schembri tah d-dokumenti kollha relattivi. Pero meta kien mar personalment sabiex jigborha bit-“tow truck” tieghu, hu sab li partijiet minha kienu mibdulin waqt

li ohrajn kienu neqsin (ara r-ritratti u l-elenku esebiti minnu mal-atti a fol 42 sa fol 47). Hawnhekk, il-konvenut jsostni li ma riedx johodha izda minn kien inkarigat mill-“boat yard” fejn il-karozza kienet qed tinzamm insista li l-istess karozza tittiehed l’hemm u ghalhekk “ma kelli ebda ghazla hlief li nitlaq biha”. Sussegwentement, skond il-konvenut, is-socjeta attrici informatu li kienet ser tirkupra l-affarijiet neqsin waqt li hu ghamel “stop payment” fuq ic-cheque kif di gja inghad. Inoltre l–istess socjeta attrici offriet Lm650 kif risultanti mill-ittra a fol 22 tal-atti, liema proposta ma gietx accettata minnu li da parti tieghu kien ghamel kontro proposta ta’ Lm450.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jigi notat illi l-partijiet involuti f’dan il-kaz kienu ftehmu li l-karozza in kwistjoni tinbiegh “tale quale” bil-prezz ta’ Lm730. In rigward dan, l-artikolu 1347 tal-Kodici Civili jistipula li l-kuntratt ta’ xiri/bejgh hu finalizzat meta jkun intlahaq ftehim in rigward il-haga u l-prezz. In rigward dan il-punt jidher, pero’ li s-socjeta attrici kienet disposta li tirriduci l-istess prezz ghall- Lm650, kif hemm mitlub fl-avviz in esami.

Illi dan premess, jidher, pero’, li inqalghet kwistjoni, kif risultanti mill-provi esposti, in konnessjoni mal-konsenja tal-haga miftehma f’dan l-kaz, karozza deskritta bhala “wreck” u “total loss” u dan in rigward l-oggetti ossija “parts” allegatament neqsin mill-istess karozza. Dwar dan, il-konvenut kellu rimedji kif hemm stipulat fl-artikolu 1385, 1395, 1393, 1398 u 1424 seq tal-Kodici Civili. Pero’, tali rimedji kollha kemm huma, jistghu jigu esercitati “per azione” u mhux “per eccezzione. F’dan il-kaz il-konvenut sad-data tallum zamm ghandu l-istess karozza u ma esercitax ir-rimedji disponibbli billi intavola l-azzjoni li seta jezercita fic-cirkostanzi ta‘ dan il-kaz. Jigi notat ukoll li l-konvenut lanqas ma iddeposita l-istess karozza taht l-awtorita ta’ din il-Qorti sabiex jesimi ruhu minn kull responsabilta.

Ghalhekk l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, minhabba l-irritwalita' kif premessa, ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici fil-kwalita' taghha premessa s-somma ta' Lm650.00,0 bl-imghax legali mid-29 ta' Settembru 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes kif ukoll b'riserva "si et quatenus" ta' kull dritt u azzjoni spettanti lill-istess konvenut skond il-ligi."

Minn din is-sentenza l-konvenut appella b'dawn l-aggravji:-

1. Bil-fatt li s-socjeta` attrici rreduciet il-prezz hi giet li ammettiet li fil-mument tal-konsenja tar-"wreck" kien hemm diversi nuqqasijiet ta' accessorji;

2. Il-kwestjoni jekk ir-"wreck" kienetx tirrifletti l-prezz miftiehem kellha tigi determinata permezz ta' esperti;

3. L-accenn li ghamlet l-ewwel Qorti ghad disposizzjonijiet varji tal-Kodici Civili hi zbaljata. Dan fis-sens illi whud minnhom ma ghandhom l-ebda rapport mal-kaz in ezami;

4. Is-socjeta` attrici qatt ma kellha dritt tinsisti fuq il-hlas tar-"wreck" peress li l-prezz ma kienx miftiehem;

5. L-istess socjeta` attrici kellha l-obbligu timminimizza l-ispejjez u allura messha talbet li tiehu r-"wreck" lura bl-applikazzjoni tal-Artikolu 1439 tal-Kodici Civili.

Da parti taghha s-socjeta` attrici appellata wiegbet b'dan il-mod:-

1. Ir-riduzzjoni fil-prezz proposta minnha sar bl-intiza li tinstab soluzzjoni prattika ghall-kwestjoni konsegwenti ghall-allegazzjoni tal-konvenut tan-nuqqas ta' certi parts. Ghalhekk ma kellhiex titqies bhala ammissjoni tacita tal-allegati nuqqasijiet.

2. Ir-rimedji li kellu disponibbli l-appellant kienu dawk kontemplati fl-Artikolu 1393, b'applikazzjoni ta' l-Artikoli 1393 u 1414, jew skond l-Art 1424 tal-Kodici Civili.

3. Gjaladarba l-appellant bit-tieni eccezzjoni tieghu kien qed jippretendi riduzzjoni fil-prezz l-artikolu 1390 kien jaghtih din il-possibilita` basta li hu jagixxi 'per azione' u mhux 'in via d'eccezione".

4. L-appellant kellu wkoll a disposizzjoni tieghu l-azzjoni redibitorja (Art 1427) li hu htieglu jistitwixxi b'azzjoni appozita.

5. Kien permezz ta' dawn l-azzjonijiet illi jigu nominati esperti ghall-iskop tal-istima tal-oggett tal-bejgh. Tali nomina ma ntalbetx mill-appellant u dan ma jistghax jippretendi li jiffissa din l-istima hu.

6. Kien jinkombi fuq l-appellant li jiddepozita r-"wreck" jekk fl-istess hin ried jehles minn kull responsabilita` ta' hlas.

Premessi l-aggravji u t-twegibiet ghalihom, l-ewwel osservazzjoni li trid tirregistra din il-Qorti hi dik li l-iskritturi tal-kontendenti prezentati minnhom f'din is-sede jikkontjienu certi spropoziti legali, anke goffi. Dan kif ser jigi kummentat aktar l-isfel.

Jibda biex jinghad illi n-norma stabbilita fl-Artikolu 1346 tal-Kodici Civili li tiddifenixxi l-bejgh hi wahda cara hafna. Di regola, fil-bejgh ta' oggett specifiku l-proprjeta` tieghu tghaddi b'effett tal-kunsens tal-kontraent malli jintlahaq qbil fuq l-oggett u l-prezz tieghu. Fil-kaz de quo l-oggett tal-bejgh kien ir-"wreck" ta' vettura Ford Escort li kellu certu David Dalmas, assigurat tas-socjeta` attrici, liema vettura kienet involuta f'incident awtomobilistiku u klassifikata bhala "total loss" (Ara Affidavit ta' Albert Edward Cardona fol 20). Kien l-istess konvenut appellant li ghamel offerta ghax-xiri taghha fl-ammont ta' seba' mija u tletin lira (Lm730) liema offerta giet accettata mis-socjeta` attrici assiguratrici. Dan hu konfermat mill-istess

appellant fix-xhieda tieghu a fol 35. L-ammont imsemmi kien allura l-prezz stabbilit u specifikat mill-partijiet skond kif jippreskrivi a propozitu l-Art 1353(1) tal-Kap 16. Ma jistghax allura jinghad li ma kienx hemm prezz akkordat kif hekk jippretendi l-appellant. L-oneru nkombenti fuq il-venditur li jipprova l-prezz pattwit jinsab pjenament skarikat f'dan il-kaz.

Dan premess, naturalment kienet mehtiega wkoll in kwantu mobbli t-"traditio" tar-"wreck" ghal finijiet tat-trasferiment tal-pussess fix-xerrej (Ara **Kollez Vol XVI pIII p7**). Dan seta' jintlahaq permezz tal-konsenja tal-istes "wreck" mis-socjeta` appellata lill-appellant. Konsenja li kienet obbligatorja fuq is-socjeta` attrici assiguratrici fit-termini tal-Artikolu 1378 tal-Kodici Civili. Ma jezisti l-ebda diverbju bejn il-kontendenti dwar il-fatt tal-konsenja, anke ghaliex dan hu accettat ukoll mill-appellant li "nolens volens" irceviha meta r-"wreck" tghabbiet fuq it-"tow truck" tieghu u hadha ghandu fil-pussess tieghu fejn hekk jidher li baqghet sal-lum.

Huwa principju tal-ligi, ex-Artikolu 1393 tal-Kodici Civili, illi "l-haga ghandha tigi kkunsinnata fl-istat li kienet tinsab fiz-zmien tal-bejgh".

Minn dan huwa dezunt illi oltre l-obbligazzjoni li jitrasferixxi l-proprjeta` u l-pussess, kemm guridiku kif ukoll reali u 'di fatto', l-venditur ghandu, b'adempiment, jikkonsenja l-haga venduta fl-istess stat li kienet fil-mument tal-ftehim. Li jfisser allura illi bejn i-zmien tal-bejgh u l-konsenja jaggrava fuq il-venditur l-obbligu tal-kustodja tal-oggett mibjugh. Dan hu sew precizat fl-Artikolu 1126(1) tal-Kodici Civili dwar l-effetti ta' l-obbligazzjonijiet. Fih testwalment jinghad li "fl-obbligazjoni li biha wiehed jintrabat li jaghti haga tidhol l-obbligazzjoni li jikkunsinna l-haga, u li jikkonservaha sal-kunsinna". Dan igib ghal konsegwenza illi jekk l-oggett konsenjat jipprezenta alterazzjonijiet jew nuqqasijiet aktar gravi minn dawk ipotizzabbli fil-kaz ta' kustodja diligenti l-venditur jitqies responsabbli u jkollu jwiegeb ghall-inadempiment. Kif jispjega **Bianca** ("**La Vendita e la Permuta**", Vol VII Tomo primo, Ediz. 1972 pagna 364 para 171), "se la cosa

rimessa al compratore presenta diminuzioni quantitative o alterazioni qualitative piu` grave rispetto a quelle normalmente prevedibili in condizioni di diligente custodia, la prestazione di consegna e` inesatta … … Il mancato e inesatto adempimento della prestazione di consegna imputabile al venditore legittima l'acquirente ai normali rimedi contrattuali contro l'inadempimento".

Ragonevolment, il-venditur huwa tenut li jikkonsenja l-oggett mibjugh flimkien mal-accessorji u l-pertinenzi kollha tieghu li kienu jezistu fil-mument tal-kuntratt. Dan johrog kjarament hafna mid-dispost tal-Artikolu 1398 tal-Kodici Civili u mill-korp tas-sentenza fl-ismijiet "**Major Hannibal A. Scicluna -vs- Joseph Calleja**", Prim'Awla, Qorti Civili, 10 ta' Jannar 1958 (**Vol XLII pII p831**). F'dan il-kaz ntqal ukoll illi x-xerrej ghandu dritt jirrivendika dawn l-accessorji jekk ikunu ghadhom jezistu in natura u mhux jitlob l-ekwivalent taghhom meta hu jopta li jinsisti ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt.

Minn dak rifless hawn fuq, din il-Qorti htiegilha tapprofondixxi t-tema nvoluta biex tillustra d-disposizzjonijiet legali li jghoddu u turi t-triq li kellha tigi segwita. Trattandosi ta' vendita` ta' "wreck" – aspett dan li ma kellu qatt jintilef di vista – certament il-kwestjoni ma kellhiex ticcentra la fuq il-kwalita` mweghda (Art 1390) u lanqas fuq il-vizzju redibitorju (Ara 1424). F'dan il-kaz la kien hemm l-wahda u lanqas l-ohra, konsiderat l-oggett vendut 'per se'. Kieku si trattava minn vizzji mohbija (u mhux ukoll apparenti kif hekk hu normalment mistenni f'kaz ta' "wreck") jew mankata kwalita` sopravvenuta derivanti minn kustodja negligenti wiehed seta' forsi jikkonsidra l-materja mill-ottika tal-precitati disposizzjonijiet b'mod allura li x-xerrej seta' anke jitlob riduzzjoni fil-prezz (Ara **Bianca**, op cit, pagna 365). Hawn pero` m'ghandniex sitwazzjoni konsimili izda qaghda ta' inadempjenza kontrattwali. Din allura kienet taghti dritt ta' azzjoni "ex contractu" fondata fuq il-konsenja da parti tal-venditur ta' oggett li ma kienx fl-istess stat li kien jinsab fil-mument tal-bejgh, meta vizwalizzat u ezaminat mill-konvenut appellant.

Ghall-Qorti dan kollu jfisser illi l-konvenut appellant kellu x-xelta li jew jitlob ir-rizoluzzjoni tal-ftehim jew l-ezekuzzjoni tieghu fis-sens ta' talba gudizzjarja ghal konsenja tal-accessorji li hu jghid li kienu mankanti fil-mument tal-konsenja tar-"wreck". Ma jistghax allura jippretendi li jibqa' passiv, izomm ir-"wreck" fil-pussess tieghu u wkoll jippretendi minn fuq li jirrezisti t-talba ghall-hlas billi jinvoka diminuzzjoni fil-prezz. Din certament mhux it-triq li kellu jadopera.

Tajjeb li hawn, in parentesi, din il-Qorti tikkoregi l-impressjoni zbaljata tas-socjeta` appellata ghal dik li hi distinzjoni bejn bejgh tal-kwalita` pattwita u bejgh ta' oggett li fih difetti latenti. Fil-kaz tal-ewwel tista' titqajjem "per via di eccezzione". Mhux hekk fil-kaz tat-tieni. Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**John Mary Dalli noe -vs- Grezzju Patiniott**", Appell, 19 ta' Mejju 2000 u r-rassenja tal-kazistika fiha kompendjata.

Dan precizat, u salv ir-riflessjonijiet fuq maghmula, din il-Qorti tikkonkorda mar-ragonament u konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi l-appellant ma ezercitax ir-rimedji gudizzjarji li kienu konsentiti lilu skond il-principju generali tad-dritt. L-istess bhall-ewwel Qorti din il-Qorti tista' biss tirrizervalu kull dritt ta' azzjoni lilu spettanti u li jistghu ghadhom disponibbli ghalih.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra l-konvenut appellant. Il-Qorti qed tirrizerva 'si et quatenus' favur l-appellant kull dritt ta' azzjoni skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------